Il-lum tarawni nidħak: fittxu f'qalbi,
ghandi storja ta' dmugħ.
Il-misterju tal-waħx, tal-ħqir u l-biki
hawn, ġo sidri, merfugħ.

Dil-maskra li qed tidħak qiegħda tgħatti
l-imrar ta' ħajja sħiħa.
Il-lum il-għid tal-bluha: niżfnu mad-daqqa
tal-vjolini ferrieħa,

U bħall-bżieżaq kull lewn li fuq irjusna
qed jittajru w jinfaqgħu,
Hekk aħna f'dan iż-żfin ta' ħajja fiergħa
Fl-abbiss tal-Mewt qed naqgħu.

12. 2. 51.

## MISTERJU

*Ta'* Ġużi Abela

*Lis-Sur Richard Manara,*
*għalliem mill-aħjar tal-Franċiż il-Liċeo.*

X'kien isir minni kieku l-fewġa friska
filgħodu ma nħosshiex?
X'kien isir minni kieku mn'imnifsejja
il-fawra ma rroddhiex?

Għax naf tassew li għadni ħaj b'dil-għanja;
u nħoss ġo sidri n-nar:
Hemm qalb qed taqbad, tħaġġeġ qawwi, ħares,
ħiereġ minnha d-duħħan.

Għalhekk imlaħħam jien biex b'setgħet ruħi,
f'dija ta' ħsebijiet,
Immiss u nara, nisma' u nħoss ġo qalbi
ir-ritmu tal-ħolqien.

U fil-misterju tas-sbuħija, kollox
donni nifhem, waqtiet:
Nasal nitgħaxxaq bl-oħla poeżija......
u mmut qabel it-tmiem.



# Il-Mużew tal-Qdumijiet ta' Malta

*Ta'* Jos. Galea

IL-MUŻEW hu l-mera tan-nazzjon, kiteb xi ħadd, u tabilħaqq, għax f'dak il-bini jżommu, igħożżu, dawk l-oġġetti li jinstabu kull fejn tħaffer f'dawn il-gżejjer. Kull ma jinġabar mill-qdumijiet jixhed kemm il-għammara ta' Malta kienu għaqlin, u fejn kien iwassal moħħom u d-deħen tagħhom f'dawk iż-żmenijiet bikrija meta l-bniedem kien għadu ma ħolomx kif u x'għandu jagħmel biex jeqred belt jew razza sħiħa b'daqsxejn ta' balla msejħa *atom bomb*.

Il-mużew ta' Malta, għalkemm ma kienx ta' kobor daqs dawk ta' artijiet oħra, b'dan kollu dak li kien fih, dawk l-affarijiet miġbura bil-paċenzja u ż-żmien, juru li aħna ma aħniex anqas minn ħaddieħor, u jixhdu wkoll li s-sejbiet li kellna kienu u għadhom il-għira ta' ħafna minn ħbiebna.

Ara kemm, li wieħed arkeologu taljan, il-professur L. M. Ugolini, tant kien għaraf l-importanza tal-qdumijiet ta' Malta li ġie hawn (mibgħut mill-Gvern tiegħu) u dam jistudja dak il-ġebel u dak il-fuħħar, sakemm wasal f'tarf il-qabar ħesrem. Imbagħad mar Ruma u stampa biċċa mix-xogħol li kien hejja. Il-ktieb tiegħu *Malta, origine della civiltà mediterranea*, (Roma 1935) jiswa mitqlu deheb għat-tagħrif li fih dwar dawn il-gżejjer. Dan l-awtur irid igħid li Malta kienet il-bidu taċ-ċiviltà tal-Mediterran, u jorbot il-fehma tiegħu fuq li ra b'għajnejh u mess b'idejh kemm dam fostna.

L-ewwel ġabra li kien hawn Malta kienet il-kollezzjoni tal-kommendatur G.A. Abela, li l-lum bil-ħaqq kollu nsejħulu missier l-istorja ta' Malta. Dan kien viċi-kanċellier ta' l-Ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann, u kien inkarigat mill-Gran Mastru sabiex jiġbor materjal biex igħaqqad storja ta' Malta: karti qodma, ġebel, statwi, u bosta affarijiet oħra. Minn dak li kien ġabar ħamm l-ewwel storja ta' pajjiżna li qatt inkitbet bl-isem ta' *Della Descrizione di Malta*, stampata Malta fl-1647, u sal-lum dak il-ktieb għadu qisu bir fejn kull kittieb modern jeħtieġlu jmur jimla għat-tagħrif tal-kitba tiegħu. Fis-sala tal-Bibljoteka hemm imdendel ir-ritratt tiegħu.